

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/2031**tal-10 ta' Diċembru 2020****li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Lulju 2012 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/389/PESK ⁽¹⁾ dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR).
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2240 ⁽²⁾, li emendat il-mandat tal-Missjoni biex tiġi ffukata fuq il-bini tal-kapaċità fis-Somalja u biddlet l-isem tal-Missjoni għal EUCAP Somalia.
- (3) Fl-10 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1942 ⁽³⁾, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK biex EUCAP Somalia tiġi estiża u tingħata ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2020. Dan l-ammont ta' referenza finanzjarja ġie miżjud bid-Deċiżjoni (PESK) 2020/663 ⁽⁴⁾.
- (4) Fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku Olistiku u koordinat tal-involviment tal-PSDK fis-Somalja u fil-Qarn tal-Afrika, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jestendi l-EUCAP Somalia sal-31 ta' Diċembru 2022 u li jemenda l-mandat tagħha.
- (5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/389/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/389/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikoli 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 2***Dikjarazzjoni tal-Missjoni**

1. L-EUCAP Somalia għandha tassisti lis-Somalja fit-tisħiħ tal-kapaċità tas-sigurtà marittima tagħha sabiex din tkun tista' tinforza b'mod aktar effettiv il-liġi marittima.
2. Barra minn hekk, l-EUCAP Somalia għandha tassisti lis-Somalja fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-pulizija tagħha sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Tranżizzjoni Somalu għat-trasferiment tar-responsabbiltajiet ta' sigurtà lill-awtoritajiet Somali.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2240 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 18).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1942 tal-10 ta' Diċembru 2018 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 314, 11.12.2018, p. 56).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/663 tat-18 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 157, 19.5.2020, p. 1).

*Artikolu 3***Objettivi u Kompiti**

1. Sabiex titwettaq id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni kif tinsab fl-Artikolu 2, l-EUCAP Somalja għandha:
 - (a) issaħħaħ il-kapaċità Somala ta' infurzar tal-liġi marittima ċivili sabiex hija teżerċita governanza marittima effettiva tal-kosta, tal-ilmijiet interni, tal-baħar territorjali u taż-żona ekonomika esklużiva tagħha;
 - (b) tirrinforza l-kapaċità Somala biex twettaq spezzjonijiet tas-sajd u infurzar, tiżgura l-funzjoni ta' tiftix u salvataġġ fuq il-baħar, tiġġieled il-kuntrabandu, tiġġieled il-piraterija u tagħmel għassa taż-żona kostali mill-art u mill-baħar;
 - (c) issaħħaħ il-kapaċità tal-Ministeru tas-Sigurtà Interna u tas-servizzi tal-pulizija Somala biex jimplimentaw il-Pjan ta' Tranżizzjoni Somalu għat-trasferiment tar-responsabbiltajiet ta' sigurtà lill-awtoritajiet Somali.
 2. Biex tikseb dawn l-objettivi, l-EUCAP Somalia għandha tappoġġa lill-awtoritajiet Somali fl-iżvilupp tal-leġislazzjoni meħtieġa u fl-istabbiliment ta' awtoritajiet ġudizzjarji billi:
 - (a) tipprovdi l-mentoraġġ, il-konsulenza, it-taħriġ u t-tagħmir meħtieġa għall-entitajiet Somali tal-infurzar tal-liġi marittima ċivili;
 - (b) tipprovdi pariri u mentoraġġ, kif fattibbli, dwar il-politika, il-kmand, il-kontroll u l-koordinazzjoni, kif ukoll tipprovdi sostenn u tagħmir għall-proġetti, lill-Ministeru għas-Sigurtà Interna u s-servizzi tal-pulizija Somala b'appoġġ għal inizzjattivi mill-Unjoni u s-šhab internazzjonali.
 3. Biex tikseb dawn l-objettivi, l-EUCAP Somalia għandha topera skont il-linji ta' operat u l-kompiti stipulati fid-dokumenti ta' pplanar operazzjonali approvati mill-Kunsill.
 4. L-EUCAP Somalja ma għandha twettaq l-ebda funzjoni eżekuttiva.”;
- (2) fl-Artikolu 13(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Somalia għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2022 għandu jkun ta' EUR 87 780 000.”;
- (3) fl-Artikolu 14, il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:
“4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoopera mal-atturi internazzjonali l-oħra fir-reġjun, b'mod partikolari l-Uffiċċju Politiku tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għas-Somalja, l-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità, il-Programm ta' Żvilupp tan-NU, INTERPOL u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina mill-qrib ma' Atalanta, il-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea sabiex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà Somali (EUTM Somalia) u l-programmi ta' assistenza rilevanti tal-Unjoni.”;
- (4) fl-Artikolu 16, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
“Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2022.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH